

Il-Barometru tal-OSH

## Il-pjattaforma viżiva komprensiva għall- informazzjoni dwar is-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol fl-UE

Il-Barometru tal-OSH huwa pjattaforma ta' viżwalizzazzjoni tad-data, li toffri ħarsa ġenerali lejn l-istat tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) fl-Ewropa kollha. Abbażi ta' statistika, sħarriġ u data pubblika minn sorsi tal-UE u nazzjonali, dan iċ-ċentru pubbliku jagħti aċċess għal ammont kbir ta' informazzjoni dwar l-ambjent, il-prattiki u l-leġiżlazzjoni tal-OSH – li hija faċli biex tinftiehem, tiġi vviżwalizzata u titqabbel.

## Kif jista' jgħinni?

Il-Barometru tal-OSH jippermetti esplorazzjoni faċli tas-sitwazzjoni tal-OSH fl-Ewropa permezz ta' sett ta' indikaturi, li jkopru firxa ta' aspetti, bħal:

- informazzjoni ġenerika dwar l-awtoritajiet tal-OSH, data dwar l-istruttura ekonomika u settorjali, u profili tal-forza tax-xogħol;
- strateġiji u regolamenti;
- kundizzjonijiet tax-xogħol, prevenzjoni u l-kultura tal-OSH;
- aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, mard u benesseri ġenerali fuq il-post tax-xogħol; u
- aspetti ta' infurzar tal-leġislazzjoni dwar l-OSH u l-awtoritajiet ta' infurzar kompetenti.

L-utenti jistgħu faċilment jivviżwalizzaw l-informazzjoni tal-għażla tagħhom, iqabblu r-riżultati ma' pajjiżi oħra jew mal-medja tal-UE, jiċċekkjaw il-varjazzjonijiet annwali, jaraw l-indikaturi ewlenin bħala infografika, jiġġeneraw grafika personalizzata, iniżżlu rapporti dettaljati nazzjonali jew speċifiċi għas-suġġett u jikkondividu l-kontenut direttament fuq il-media soċjali.

Din is-sistema ta' informazzjoni pubblika hija ġestita b'mod konġunt mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DĠ-EMPL).

## Il-Barometru tal-OSH joffri informazzjoni komprensiva, affidabbli u aġġornata dwar l-istat u x-xejriet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-pajjiżi Ewropej kollha

### Pubblikazzjonijiet relatati

Bosta pubblikazzjonijiet jiġu derivati mill-Barometru tal-OSH, inkluż ir-rapport "[Is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fl-Ewropa: l-istat u x-xejriet](#)", li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-istat, ix-xejriet u l-iżviluppi kurrentwali tal-OSH fl-Ewropa. Wara li jidħol fid-dettall fil-metodoloġija tal-ġbir tad-*data*, ir-rapport joffri għarfien siewi dwar l-implikazzjonijiet tal-politika għat-titjib tal-OSH.



Żomm lilek innifsek infurmat dwar l-iżviluppi l-aktar reċenti tal-OSH, identifika oqsma għal titjib u agħti valur referenzjarju lill-prestazzjoni ta' pajjiżek fuq:

<https://visualisation.osha.europa.eu/osh-barometer/>

© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2023  
Il-riproduzzjoni hija awtorizzata, dment li ssir referenza għas-sors  
Għar-riproduzzjoni jew l-użu tal-istampa ta' quddiem, irid jintalab  
permess direttament mingħand id-detentur tad-dritt tal-awtur.  
Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu),  
bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

